# Qorti Civili
# (Sezzjoni tal-Familja)

## Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

## Illum 27 ta' Ottubru 2015

Rikors Guramentat Nru. 61 / 15/1 RGM

Kawza fil-lista: 21

**Direttur tad-Dipartiment ghall-Istandards fil-Harsien Socjali**
**vs**
**AB**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tad-Direttur tad-Dipartiment ghal Standars fil-Harsien Socjali pprezentat fil-5 ta' Marzu 2015 li permezz tieghu talab li l-intimata AB tigi inibita milli tiehu barra minn Malta liz-zewg minuri C D E F u G H I F.

Rat id-digriet taghha tal-5 ta' Marzu 2015 li permezz tieghu laqghet it-talba provvizorjament u appuntat ir-rikors ghas-smiegh liema smiegh.

Rat id-decizjoni ta' din il-Qorti tat-23 ta' Lulju 2015 fl-ismijiet *Direttur tad-Dipartiment ghal Standards fil-Harsien Socjali vs. AB* li permezz taghha it-talba tad-Direttur sabiex iz-zewg minuri jigu mibghuta lejn il-Belgju giet michuda.

Rat id-decizjoni tal-25 ta' Settembru 2015 moghtija mill-Qorti tal-Appell li permezz taghha cahdet l-appell intavolat mid-Direttur tad-Dipartiment ghal Standards fil-Harsien Socjali u kkonfermat is-sentenza tat-23 ta' Lulju 2015.

Ikkunsidrat;

Id-Direttur qed jitlob il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex jigi projbit li z-zewg minuri imsemmija jigu mahruga barra minn Malta. Ir-rikors ghall-hrug tal-mandat de quo gie intavolat mid-Direttur kontestwalment mal-prezentata tal-proceduri

mid-Direttur fuq allegazzjoni li AB zammet liz-zewg minuri hawn Malta illegalment u ghalhekk kien talab li jigu mibghuta il-Belgju. Kif rajna l-azzjoni tad-Direttur giet michuda definittivament.

Isegwi ghalhekk illi jonqos fir-rikorrent Direttur l-interess guridiku sabiex jitlob il-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni fir-rigward tal-minuri.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tirrevoka contrario imperio id-digriet taghha tal-5 ta' Marzu 2015 u tichad ir-rikors tad-Direttur tal-5 ta' Marzu 2015.

Bl-ispejjez kontra d-Direttur.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**